



# Il-Ħajja Ta' San Ġorġ Martri (1890) Ta' Mons. Luigi Vella (1859-1928) minn Għawdex

*- Dun Anthony M. Saliba*

Meta dan l-aħħar il-ħabib tiegħi s-Sur Ġorġ Falzon, devot kbir ta' San Ġorġ Martri, stedinni nikteb f'dan il-Ktejjeb-Programm tal-Festa titulari tal-Kolleġġjata ta' Ħal Qormi, mill-ewwel ġie f'moħħi l-ktieb dwar il-ħajja ta' dan il-qaddis martri li kien ġie ppubblikat 132 sena ilu minn Mons. Luigi Vella (1859-1928), mir-Rabat ta' Għawdex. Dan is-saċerdot, ta' għerf u qdusija straordinarja, baqa' magħruf fost l-Għawdxin bħala *Dun Alwiġ ta' Savina* minħabba r-rabta tiegħu mal-knisja tat-Twelid tal-Madonna msejħa "Ta' Savina" li hemm ir-Rabat, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mit-Tokk. Bis-saħħa tal-Kan. John Meilak, ħabib ieħor kbir tiegħi, irnexxieli nakkwista kopja ta' dan il-ktieb. U ħsibt li jkun xieraq li naqsam xi tagħrif dwaru mal-qarrejja ta' dan il-Ktejjeb-Programm.



*Mons. Luigi Vella (1859-1928) Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex: saċerdot qaddis u awtur (Ritratt: Kollezzjoni tal-Kan. John Meilak, Għawdex).*

Qabel xejn tajjeb li ngħid kelma dwar min kien Mons. Luigi Vella. Huwa twieled nhar l-10 ta' Diċembru tal-1859 u ġie mgħammed l-għada fil-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat, li dak iż-żmien kienet tagħmel parti mill-parroċċa tal-Katidral. Fil-fatt huwa kien ġie mgħammed mill-Kan. Mikiel Buttiġieġ li dak iż-żmien kien l-Arċipriet tal-Katidral u li fi ftit snin kellu jsir l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Luigi kien is-seba' wild minn erbatax tal-familja Vella mir-Rabat

*ikompli f'paġna 62*




ta' Għawdex. Missieru Mikiel kien bil-ħanut tax-xorb u tal-merċa fi Pjazza Savina. Ommu Tereża kienet majjistra. Kienet ukoll magħrufa ma' Għawdex kollu għall-ħila tagħha biex tagħmel il-mediċina bil-ħxejjex. Eżatt sena wara t-twelid tiegħu, Luigi rċieva s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof minn idejn l-Isqof Fra Gaetano Pace Forno fil-Palazz tal-Isqof tal-Belt, f'Malta. Bħala parrinu kellu lil ħuh Ġużeppi Vella, li aktar tard sar ukoll saċerdot u mbagħad kappillan tal-parroċċa ta' Kerċem f'Għawdex.

Ta' eta' żgħira Luigi beda jattendi l-iskola primarja fi Triq il-Vajringa li kienet ġiet inawgurata nhar is-17 ta' Jannar 1856 mill-Kanonku Paolo Pullicino. Imbagħad nhar is-16 ta' Settembru 1877, fil-fjur ta' żgħożitu, beda l-istudju tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex. Fl-1880 temm il-kors tiegħu fil-Filosofija u kompla bl-istudju tat-Teoloġija. Luigi Vella ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Pietru Pace fil-Knisja Katidrali ta' Ghawdex nhar it-23 ta' Diċembru 1882.


S. GIORG M. koddiem Dioclezianu.
" Chif mela intom demonj ! U ma tibzghux tokoghdu kuddiemi, li jen serv ta Gesù Cristu ? Fl' isem t' Alla, akbzu il barra min haun u morru l' infern taghcom ! ! !"

Dun Alwiġ, kif allura beda u baqa' jissejjaħ mill-poplu tar-Rabat, mill-ewwel intefa' b'ruħu u b'ġismu fil-ħidma pastorali fir-Rabat u ma' Għawdex kollu. Kien konfessur imfittex ħafna, l-iktar fost l-irġiel u l-ġuvintur. Fl-1887 ġie magħżul biex iservi bħala Kapillan fl-Isptar Ċivili tar-Rabat, liema ministeru wettqu b'reqqa kbira għal madwar tnax-il sena. Dun Alwiġ kien ukoll predikatur ta' ħila. Kien fil-fatt

imfittex ħafna għall-paninġierki u prietki oħra tal-okkażjoni.


— 210 —

TALBA LIL

S. GIORG M.

Mictuba mill' Onor.

*Giuseppe Muscat Azzopardi P. L.*

Biex tinghad Hal Kormi.

*Ora pro nobis Sancti Giorgi.*
Il Chnisia fil giurnata tighu.

Cbir guerrier tal fidi tghana.
Li bix-xbia tas-Salib
Fuk l'ghedeuua tighech collha
L' isbah rebh gharaft iggib.

Ma l'insara anglu hanin
Ftacar dejem fil Kormin. (20)

(20) Jech tinghad f' Ghaudex dan il vers jista isir :

*Ftacar dejem fil Ghaudcin.*

Fl-1899 Dun Alwiġ ġie maħtur Kanonku Teologu tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex, knisja li huwa ħabb u ħadem favur tagħha tul ħajtu kollha. Meta kien hemm bżonn, iddefenda l-interessi tal-Katidral mingħajr ma ħares lejn wiċċ ħadd. Stinka ħafna wkoll biex il-Kapitlu tagħha jikseb diversi privileġġi, fosthom dak tat-titlu ta' *Monsinjur* lill-membri tiegħu. Dan il-privileġġ ġie mogħti lill-Kapitlu mill-Papa Piju X nhar il-15 ta' Novembru 1907. Kien ferm xieraq għalhekk li nhar it-12 ta' Marzu tal-1922, Dun Alwiġ ġie magħżul biex iservi ta' Arċidjaknu tal-istess Kapitlu Katidrali.

Kif għidt fuq, isem Dun Alwiġ huwa wkoll marbut mal-Knisja antikissima ta' Savina, iddedikata lit-Twelid tal-Madonna, u mal-Adorazzjoni Ewkaristika Perpetwa li twaqqfet fiha bil-ħidma kbira tiegħu. Nhar il-21 ta' Novembru 1900 il-Kapitlu tal-Katidral approva pjan biex din il-knisja, filjali tal-Katidral, tiġi rrestawrata. U Dun Alwiġ ġie magħżul biex jieħu ħsieb li l-proġett jitwettaq malajr kemm jista' jkun. Peress li l-ħsara kienet wisq ikbar milli ħasbu, nhar it-2 ta' Ġunju 1901, l-istess Kapitlu deherlu li l-knisja għandha titwaqqa' u tinbena mill-ġdid. L-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet nhar il-21 ta' Ġunju 1901. Dun Alwiġ ħadem litteralment lejl u nhar biex dan il-proġett jitlesta fi żmien qasir. Fil-fatt, ix-xogħol intemm fi Frar tal-1902 u f'Ottubru tal-istess sena ntemm ukoll ix-xogħol tal-iskultura. Nhar id-29 ta' Jannar 1903 Dun Alwiġ innifsu bierek il-knisja li mbagħad infetħet mill-ġdid għall-publiku mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri nhar it-8 ta' Frar ta' dik l-istess sena. Is-sena ta' wara, fis-7 ta' Frar, l-istess Isqof ikkonsagraha. Imma dan ma kienx biżżejjed għal Dun Alwiġ. Il-ħolma tiegħu kienet

*ikompli f'paġna 64*

dik li jwaqqaf l-Adorazzjoni Ewkaristika Perpetwa f'din il-knisja. Wara ħafna taħbit u ġiri, anke ġewwa Ruma, nhar l-1 ta' Ġunju 1904, ix-xewqa ta' Dun Alwiġ saret realtà. Dakinhar inżammet l-ewwel ġurnata tal-Adorazzjoni Ewkaristika f'Savina, liema opra qaddisa għadha ħajja sal-llum.

Dun Alwiġ miet fis-17 ta' Lulju 1928 fid-dar tiegħu fi Pjazza Savina, ir-Rabat, Għawdex. Fil-folju *L-Ewkaristija* naqraw hekk dwar il-funeral tiegħu: "Mill-funeral li sarlu, jidher ċar kemm kien stmat u maħbub Dun Alwiġ mill-popolazzjoni tar-Rabat u tal-irħula. Qtajja' kbar ta' nies miġmugħin f'żewġ fillieri maż-żewġ naħat tat-triq minn fejn kellu jgħaddi l-akkompanjament għall-Knisja tal-Katidral, li tant ħabb fi żmienu, rawh għaddej sieket u ħiemed, bid-daħka fuq fommu, bħalma kienu soltu jarawh għaddej, meta kien ħaj, mit-triqat tagħhom." (Lulju-Awwissu 1928, p. 26)

Minbarra li kien saċerdot ta' għerf kbir u qdusija straordinarja, Dun Alwiġ kien ukoll kittieb tajjeb ħafna. Kiteb numru sabiħ ta' poeżiji, ħafna minnhom ta' karattru reliġjuż. Fil-fatt ta' kull sena kien jikteb poeżija lil Santa Marija li mbagħad kienet tiġi stampata fuq karti volanti u mqassma tul il-jiem tal-festa tagħha f'Għawdex. Din il-festa kienet ferm għal qalb Dun Alwiġ tant li fl-1896 ma naqasx milli jagħti l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu biex tkun tista' ssir l-istatwa ta' Santa Marija li ġiet minn Ruma fis-sena ta' wara u li llum tinsab meqjuma fil-Katidral ta' Għawdex.

Dun Alwiġ kien ukoll l-editur tal-folju popolari *Id-Devot ta' Marija,* kif ukoll tal-perjodiku *L-Ewkaristija.* Minbarra dan, Dun Alwiġ ħalla wkoll warajh għadd kbir ta' kotba. Mill-pinna tiegħu ħarġu rakkonti storiċi bħal *Bint il-Hakem, Nikol Ghabdul, Fernandu Montagnes, Bernard Dopuo, Il-Ġeneral Ruman* u *Isolda Inchella*. Imma Dun Alwiġ baqa' l-iktar magħruf għal kitbiet ta' spiritwalità, ta' meditazzjoni u ta' talb. Insemmi fost dawn, it-tnejn l-iktar magħrufa: *Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu* fi tnax -il ktieb, u *Ir-Ruh Nisranija quddiem Ġesù Sagramentat* fi tliet volumi. Kiteb ukoll diversi ħajjiet ta' qaddisin bħal *Sant'Ewfrosina, San Mammante,* u *Abdul Ghaxrif.* U fost dawn tal-aħħar insibu l-ħajja ta' San Ġorġ Martri.

Kif diġà għidt fuq, fis-sena 1890 Dun Alwiġ ippubblika ktieb bl-isem ta' *Il-Hajja ta' San Ġorġ Martri miġjuba bil-Malti mill-Onor. G. Muscat Azzopardi PL. Miżjuda u stampata t-tieni darba mis-Sac. D. Luigi Vella B.L. Direttur tad-"Devot ta' Maria".* Dan kien l-ewwel ktieb ta' aġiografija li ppubblika Dun Alwiġ. Kull kopja kienet tinbiegħ xelin (= € 0.116). Kif jixhed l-istess titlu, it-test tal-ktieb kien mibni fuq traduzzjoni għall-Malti mit-Taljan tax-xogħol tar-Révérend Abbé Eldrado de Fazy, li kienet saret u ġiet ippubblikata fl-1874 minn Ġużè Muscat Azzopardi (li twieled f'Ħal Qormi nhar l-1 ta' Settembru 1853). Ta' min jgħid ukoll li Eldrado de Fazy innifsu kien ittraduċa din il-ħajja ta' San Ġorġ mit-test Franċiż ta' Jean Darche. Sittax-il sena

wara l-pubblikazzjoni ta' Muscat Azzopardi, Dun Alwiġ deherlu li għandu joħroġ edizzjoni oħra ta' dan il-ktieb b'għadd ta' żidiet, bil-għan li jkabbar id-devozzjoni lejn San Ġorġ Martri.

Il-*Ħajja ta' San Ġorġ Martri* ta' Dun Alwiġ fih 251 paġna u hu mqassam f'żewġ taqsimiet. Fl-ewwel taqsima nsibu r-rakkont tal-ħajja ta' San Ġorġ imqassma fi tnax-il kapitlu: mit-twelid tiegħu sal-martirju tal-qtugħ ir-ras. Fit-tieni taqsima, imbagħad, Dun Alwiġ jagħti tagħrif dwar il-bidu u t-tixrid tal-kult tal-qaddis fid-dinja u anke fil-Gżejjer Maltin. F'paġna 202 jagħti tagħrif storiku dwar il-parroċċa ta' Ħal Qormi. Imbagħad ikompli bit-tagħrif storiku dwar il-parroċċa l-oħra ddedikata lil dan il-qaddis li hemm fir-Rabat ta' Għawdex. Lejn tmiem il-ktieb, f'paġna 236, Dun Alwiġ jagħti traduzzjoni tiegħu stess, mil-Latin għall-Malti, tal-Innu *Georgi Miles Incyte* li jitkanta fil-parroċċa ta' San Ġorg tar-Rabat ta' Għawdex tul il-jiem tal-festa tal-qaddis. F'paġna 240, imbagħad, huwa poġġa talba lil San Ġorġ f'forma ta' poeżija li kienet tingħad ġewwa Ħal Qormi u li l-awtur tagħha kien Gużè Muscat Azzopardi nnifsu. Ta' interess partikulari hu l-fatt li Dun Alwiġ xtaq li din it-talba tibda tingħad ukoll f'Għawdex. Fil-fatt, mal-istrofa "*Mal-insara anġlu ħanin - Ftakar dejjem fil-Qormin*", huwa jagħmel nota li tgħid hekk: "Jekk tingħad f'Għawdex, dan il-vers isir: *Ftakar dejjem fil-Għawdxin.*"


FAST, RELIABLE & AFFORDABLE



- Construction Works
- Concrete and Form Works
- Stamped and Sprayed Concrete Paving
- Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
- Installation of Earth Electrode
- Hire of Plant and Machinery
- Refurbishing of Pavements
- Road Patching Work
- Laying of Waterproofing Membrane

J.&K. Contractors Ltd.

102, Triq il-Hammieri, Qormi QRM 1505

TEL: 2144 7805
MOB: 9949 4813
EMAIL: jandkcontractorslimited@gmail.com
WEB: www.jandkcontractorsltd.com